# Is-Santwarju tal-Madonna ta' Pompei fir-Rabat, Għawdex

Mons. Ġużeppi Cauchi, Rettur

L-idea tat-twaqqif tal-Kongregazzjoni Dumnikana f'Għawdex li ġrat f'Ottubru tas-sena 1889 kienet ta' żewġ xebbiet twajba, Carolina Cauchi u Fortunata Spiteri, it-tnejn mir-Rabat Għawdex. Għalkemm Fortunata ma ratx ix-xewqa tagħha mitmuma, għaliex mietet qasir l-għomor f'Diċembru tal-1864, Carolina ma qatgħetx qalbha u bl-għajnuna ta' Dun Pietru Pace, li aktar tard inħatar Isqof ta' Għawdex, baqgħet tirsisti biex din ix-xewqa tagħha ssir realtà.

Mons. Pietru Pace, li sar Isqof, offra l-għajnuna kollha tiegħu lil Carolina ħalli twaqqaf monasteru għas-sorijiet. Għalhekk f'Settembru tas-sena 1883 għamlet ftehim formali biex tgħin fil-bini ta' dan il-monasteru b'ġidha stess, fuq biċċa art imdaqqsa fit-triq li tieħu għall-Parroċċa Ta' Sannat, qrib is-Seminarju. Il-Perit li fassal il-pjanta u ħa ħsieb il-bini ta' dan il-monasteru kien Tonin Giardina. L-ewwel ġebla tpoġġiet fl-1 ta' Mejju 1885. Ix-xogħol beda tiela' ġmielu tant li erba' snin wara parti prinċipali minnu kien lest. Dan il-Monasteru ngħata l-isem Madonna tal-Lunzjata.

Mons. Pietru Pace ġie magħżul Isqof ta' Malta u minflok̲u sar Isqof ta' Għawdex, l-Agostinjan Ġiovanni Maria Camilleri. Min-naħa tiegħu, Mons. Pace għarraf lis-suċċessur tiegħu bid-dettalji kollha tal-proġett u għalhekk immedjatament wara l-Ingress tiegħu ħatar lil Kan. Dun Salv Grech bħala direttur tal-proġett kollu.

**L-ewwel ġebla tal-knisja**

F'April tas-sena 1894 ingħata l-bidu għall-bini tal-Knisja, proġett ambizzjuż li tħalla f'idejn il-Perit Vincenzo Mercieca. L-imgħallem tal-bini kien ċertu Wiġi Vella miż-Żebbuġ Għawdex. L-ewwel ġebla tpoġġiet f'ċerimonja mmexxija minn Mons. Isqof Giovanni Camilleri u nżammet il-Ħadd 10 ta' Marzu 1895 wara nofsinhar. Patri Majjistru Lawrewnz Caruana O.P. għamel diskors tal-okkażjoni, li fih ħeġġeġ lil dawk preżenti biex jgħinu f'din l-opra. Kienu ħafna dawk li għenu bl-offerti tagħhom.

Il-Kan. Salvu Grech kien tal-idea li l-knisja tiġi ddedikata lill-Madonna tar-Rużarju, billi l-Ordni Dumnikan għin kemm felaħ għat-tixrid tad-devozzjoni tar-Rużarju mqaddes madwar id-dinja kollha. Ma' din il-proposta, qablet ukoll il-Prijura tad-Dumnikani Sr Imelda Diacono.



*Dehra minn ġewwa tas-Santwarju tal-Madonna ta' Pompei fir-Rabat Għawdex*

paġna 66 >>

<< paġna 65

Sr Klejla Mamo, il-Madre Vigarja li kienet devotissima tal-Madonna ta' Pompei, mhux biss qablet imma ssuġġeriet li tissejjaħ preċiżament tal-Madonna ta' Pompei, għaliex qaltilhom li devozzjoni ġdida tkun milqugħa aktar bil-qalb min-nies. Ankè l-Beatu Bartolo Longo kien kiteb li Malta kienet fost l-ewwel li daħħlet id-devozzjoni lejn il-Madonna taħt dan it-titlu. Hawn Bartolo Longo kien qiegħed jirreferi għall-knisja tal-Madonna ta' Pompei ġewwa Marsaxlokk, Malta.

Għalkemm kien hemm xi żmien li l-bini waqaf minħabba li ma kienx hemm flus biżżejjed, imma minħabba li sar ġbir apposta ankè minn Malta u l-providenza qatt ma naqset, il-knisja tlestiet lejn tmiem is-sena 1897 barra xi partijiet żgħar minnha. Il-knisja l-ġdida, li kienet imżejna ankè b'koppla u li fuqha tpoġġiet statwa tal-Madonna li kienet ħallset għaliha Sr Klelja Mamo; infetħet uffiċċjalment fil-25 ta' Marzu 1900, festa tal-Annuzjata. Iċ-ċerimonja tmexxiet kif kien xieraq mill-Isqof Camilleri mgħejun mill-Kapitlu tal-Katidral fil-preżenza tal-għola Awtoritajiet Ekklesjastiċi u Ċivili.

Din il-knisja, li hi ġawhra arkitettonika, hi mżejna bi tliet artali tal-irħam li fuqhom hemm isebbħuhom tliet pitturi tal-Professur Lazzaro Pisani (1854-1932); dak titulari hu tal-Madonna ta' Pompei, fuq l-artal tal-lemin insibu dak ta' San Vinċens u fuq l-artal ix-xellug insibu dak ta' San Tumas t'Akwinu.

Għall-ewwel darba, fis-sena 1900, nhar it-8 ta' Mejju nżammet il-festa titulari tal-Madonna li fiha ħa sehem Mons. Isqof Giovanni M. Camilleri. Il-Kan. Salv Grech għamel is-supplika tal-Madonna, ħaġa li baqa' jagħmilha sa tmiem ħajtu. L-użanza li l-Isqof Djoċesan jieħu sehem f'din il-festa baqgħet għaddejja minn Isqof għall-ieħor saż-żminijiet tagħna, fejn l-Isqof jagħmel it-trażlazzjoni u l-quddiesa pontifikali lejlet il-festa; waqt li nhar il-festa f'nofsinhar imexxi l-funzjoni tas-supplika.

Sa mis-sena 1900, bdew jinżammu l-ħmistax-il Sibt qabel il-festa bi preparazzjoni. Illum dawn żdiedu għal għoxrin Sibt li jibdew qrib il-festi tal-Milied. F'dawn is-Sibtijiet jingħad ir-Rużarju meditat bil-kant tal-innijiet Marjani quddiem Ġesù espost u waqt il-quddiesa ssir omelija dwar il-misteri tar-Rużarju Mqaddes.

Fl-erba' irkejjen tal-knisja hemm niċeċ li fihom jinżammu erba' statwi tassew sbieħ li wħud minnhom saru ġewwa Lecce fl-Italja. L-ewwel li ġew fis-sena 1908 kienu dawk ta' Sant'Anna u San Ġwakkin. Aktar tard fis-sena 1914 tpoġġew dawk tal-Madonna li kienet statwa vvenerata fil-knisja Katidrali ta' Għawdex u dik ta' San Duminku li nħadmet mill-istatwarju Għawdxi Wistin Camilleri.

Benefattur kbir tas-Santwarju kien Patri Feliċjan Grech O.P. mill-Belt Valletta li msaħħar wara din il-knisja ġdida, kien jiġi sikwit f'Għawdex biex jaraha. Hu seffaq wiċċu u ġabar biex seta jsir l-artal maġġur tal-irħam f'Settembru 1921. L-Isqof Awżiljarju Mons. Anġelo Portelli ħatru bħala Kappillan tas-Sorijiet. Stinka ħafna biex kabbar id-devozzjoni u l-funzjonijiet fil-knisja. Kien ukoll bil-ħidma tiegħu li l-Iskultur Liberat Borg skulpixxa l-knisja, xogħol li ntemm f'Ġunju tas-sena 1915. Kien ukoll bil-ħeġġa u l-ħidma tiegħu li nxtara d-damask għall-knisja, li wara ġie meħjut mill-istess sorijiet u xi xbejbiet midħla tagħhom. Dan id-damask tlesta u ġie mżanżan fil-festa ta' San Duminku f'Awwissu 1914.

Ta' min jgħid li billi għaddew dawn is-snin kollha minn fuqu (100 sena), dan id-damask tqatta' u tilef il-kulur tiegħu tant li mis-sena 2011 ma baqax jintrama. Għalhekk, ir-Rettur preżenti (l-awtur ta' dan l-artiklu), stinka kemm felaħ sabiex jinxtara u jinħadem damask ġdid li parti kbira minnu żżanżan għall-ewwel darba fil-festa tal-Madonna ta' Pompei tas-sena 2014.

Patri Feliċjan dam jaqdi din il-missjoni sa nofs Ottubru 1915 meta ngħata missjoni oħra ġewwa Malta.

paġna 67 >>

<< paġna 66

**Konsagrazzjoni tal-knisja**
Wara li l-knisja kienet iżżejnet bi tliet artali tal-irħam, pitturi u statwi, fuq kollox kienet sagramentali. Dun Salv Scicluna li nħatar kappillan wara Patri Feliċjan, ġabar għall-ispejjeż tas-slaleb tal-Konsagrazzjoni li kienu jiswew Lm20 u ordnahom għand il-marmista Lorenzo Sarè. Imma billi Mons. Isqof Camilleri, li xtaq ħafna jikkonsagra din il-knisja u ma tantx kien jiflaħ, stieden hu stess lill-Isqof Dumnikan Mons. Anġelo Portelli biex imexxi l-funzjoni nhar is-Sibt 30 ta' Ġunju 1923.

Fl-1949 sena qabel ma l-Komunità tas-Sorijiet Dumnikani kienu se jfakkru l-50 sena mit-twaqqif tagħhom f'Għawdex, iddeċidew li jibdlu l-paviment tal-knisja flimkien maz-zukklatura tal-mużajk u jagħmluh tal-irħam li nxtara mingħand id-ditta Taljana Spanpiato. Dan ix-xogħol intemm fid-9 ta' Ġunju 1951. It-tifkira tmexxiet minn Mons. Isqof Ġużeppi Pace nhar il-Ħadd 14 t'Ottubru 1951 b'quddiesa pontifikali li fiha sar diskors tal-okkażjoni minn Patri Ugo Callus O.P. Ġiet irreċitata s-Supplika tal-Madonna, waqt li l-Papa Piju XII bagħat il-Barka Appostolika lis-Sorijiet, Terzjarji u lill-Kongregazzjoni miġbura.

**Inkurunazzjoni tal-kwadru titulari**
Avveniment li jibqa' mfakkar b'għożża kbira mis-Sorijiet Dumnikani u mid-devoti tal-Madonna ta' Pompei hu l-inkurunazzjoni tal-kwadru tal-Madonna meqjuma f'dan is-Santwarju, li ġrat fit-16 ta' Ottubru 1966. Kienet dik is-sena li fiha l-Q.T. Papa Piju XII ħareġ l-Enċiklika *Christi Mater* li fiha ħeġġeġ lid-dinja kollha biex isir talb speċjali għall-paċi. F'din l-okkażjoni Mons. Isqof Pace ħeġġeġ lill-Insara tad-Djoċesi biex jgħidu r-Ružarju u fl-istess ċirkulari ħabbar l-inkurunazzjoni tal-Madonna li kellha ssir fis-16 t'Ottubru. Dakinhar filgħodu f'quddiesa pontifikali, Mons. Isqof Pace bierek il-kuruni, inqara l-kuntratt min-Nutar Giov. Busuttil tat-trasferiment ta' dawn il-kuruni lill-knisja ta' Pompei fil-preżenza ta' żewġ xhieda li kienu Dr Carmelo Schembri u Dr Giovanni Anastasi li kienu Maġistrati f'Għawdex.

Wara nofsinhar, il-kwadru tal-Madonna ittieħed proċessjonalment lejn Pjazza Santu Wistin akkumpanjat mill-Banda Leone. Ħadu sehem il-Membri tal-Kapitlu Katidrali, is-Sorijiet Dumnikani, ir-Reliġjużi u s-Seminaristi. Il-kuruni ntrefgħu mit-Tabib Dr Anton Tabone. Il-kor tas-Seminaristi laqa' l-kwadru bil-kant tal-Ave Marija. Sar it-talb preskritt, inqraw kemm il-kuntratt kif ukoll id-digriet *Valde Exsultet* minn Mons. Alan Fenech, u l-kuruni tpoġġew fil-kwadru mill-Isqof Pace mgħejjun minn Mons. Ġorġ Mercieca (Rettur tas-Santwarju) u Mons. Ġużeppi Mercieca, li aktar tard inħatar Arċisqof ta' Malta, waqt li l-qniepen tal-knejjes kollha tal-Belt Victoria daqqew mota solenni u għall-ewwel darba l-istess kor kanta l-innu tal-inkurunazzjoni, kliem u mużika ta' Patri Valent Barbara O.P. Fi tmiem iċ-ċerimonja, sar diskors ta' tifkira minn Mons. Arċ. Mikiel Cefai.

Għal mument il-kwadru kellu jiddaħħal fil-Knisja ta' Santu Wistin għax bdiet niżla x-xita, imma meta waqfet, il-kwadru twassal f'korteo akkumpanjat mill-Banda La Stella sas-Santwarju, fejn Patri Piju Rapa O.P. niseġ kelmtejn ta' merħba lill-kwadru, issa inkurunat, waqt li tkantat is-Salve Reġina. Dawn il-festi ntemmu b'quddiesa pontifikali minn Mons. Isqof Ġużeppi Pace, li fiha Mons. Alan Fenech niseġ il-paniġierku u tkanta l-innu tat-*Te Deum* b'ringrazzjament.

Matul dawn il-mitt sena ta' ħajja, il-knisja Santwarju tal-Madonna ta' Pompei fir-Rabat Għawdex tmexxiet b'dedikazzjoni u qima kbira minn disa' Retturi, inkluż l-awtur ta' dan l-artiklu, li kollha kemm huma ħadmu mhux biss biex ikabbru d-devozzjoni lejn il-Madonna ta' Pompei u r-Rużarju, mhux biss ħadu ħsieb il-kura spiritwali tal-Komunità Dumnikana u d-devoti li ta' kuljum jinġabru għat-talb fih; imma ħadu ħsieb ukoll u żejnu dan is-Santwarju b'opri li bihom hu mżejjen.